

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2006/2005(INI)

29.5.2006

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar l-implimentazzjoni tal-programm komunitarju ta' Liżbona: żieda fir-riċerka u l-innovazzjoni - investiment għat-tkabbir u l-impiegi (2006/2005(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Guy Bono

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-proposta għal riżoluzzjoni li ser jadotta:

Ninvestu fir-riċerka

1. jinnota d-dewmien mill-Unjoni rigward l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' Liżbona fil-qasam ta' l-edukazzjoni u tal-formazzjoni; jappella lill-Istati Membri; sabiex jirrilanċaw huma stess l-istrateġija ta' Liżbona;
2. jinnota li l-oġġettiv li jkun hemm investiment, minn issa sa l-2010, ta' 3% tal-PIB ta' l-Unjoni għar-riċerka, fil-verita' mhux se jintlaħaq; jiddispijaċih li, waqt il-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Marzu 2006, l-Istati Membri ma ħadux impennji aktar sodi favur ir-riċerka u l-innovazzjoni; jiddeplora li dawn ma ffixsawx oġġettiv minimu ta' żieda fl-għajnuniet minn fondi għall-2010;
3. jerġa' jafferma l-ħtieġa urġenti għall-Istati Membri li jstimulaw l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni, u li jiffaċilitaw u jżidu l-isħubijiet pubbliċi-privati, speċjalment ma' l-universitajiet, sabiex jippermettu li l-UE issir kompetittiva fis-suq dinji;

L-irwol ta' l-universitajiet fir-riċerka, u t-telf tal-kapaċitajiet (brain drain)

4. jenfasizza l-irwol ewlieni, fdat f'idejn l-universitajiet, fil-ħolqien u d-difużjoni ta' l-għarfien, u jirrikmanda bis-sħiħ li tissaħħaħ l-importanza tagħhom sabiex ikunu żviluppanti s-sinerġiji bejn it-tagħlim għoli, ir-riċerka, it-taħriġ matul il-ħajja, u s-settur produttiv; u għalhekk se jagħti aktar attenzjoni lir-rapport tal-Kummissjoni dwar it-tagħlim għoli;
5. jitlob lill-Unjoni biex tiġġieled b'mod effettiv kontra t-telf tal-kapaċitajiet tagħha (brain drain) u li timplimenta l-miżuri adegwati kollha sabiex tattira l-eċċellenza fit-territorju tagħha, li tippromwovi, speċjalment, il-programmi ta' skambju ma' pajjiżi terzi, bħall-Erasmus mundus, għall-istudenti, ir-riċerkaturi u l-għalliema; iqis illi qafas Ewropew ta' kwalifikazzjonijiet se jkun element importanti għall-ħolqien ta' suq ta' l-impjiegi Ewropew miftuħ għar-riċerkaturi u jappoġġja l-isforzi biex jitnaqqsu l-ostakoli għall-mobilita' tagħhom;
6. jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied l-għarfien ta' l-opportunita' ta' karriera fix-xjenza sabiex jiġu promossi l-miżuri ta' inċentivi u rikompensi li diġa jeżistu, bħalma huma l-premjju Descartes, l-inizjattiva Aristotle, u l-premjijiet mogħtija lil xjentisti żgħażagħ;

Il-ħolqien ta' l-impieg

7. jistieden lill-Istati Membri biex jutilizzaw aħjar il-fondi Ewropej li ġew allokatilhom, u jiġbed l-attenzjoni lejn l-Istati Membri li poġġew il-ħolqien ta' l-impjeg fil-qalba tal-proġetti tagħhom, billi investew aktar minn 35% ta' krediti mill-Fond Soċjali Ewropew biex jimmodernizzaw is-sistema ta' edukazzjoni u ta' formazzjoni tagħhom;

8. iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jippromwovu l-ispirtu ta' intrapriża sa mill-ewwel livell ta' edukazzjoni u biex isaħħu l-appoġġ tagħhom għat-taħriġ matul il-ħajja, u biex jinkoraġġixxu bis-sħiħ il-formazzjoni fit-teknoloġija ta' l-informatika u tal-komunikazzjoni (ITC), immirata kemm għal min jaħdem kif ukoll għal dawk bla xogħol.

PROĊEDURA

Titolu	L-Implimentazzjoni tal-programm komunitarju ta' Liżbona: żieda fir-riċerka u l-innovazzjoni - investment għat- tkabbir u l-impieg
Numru tal-proċedura	2006/2005(INI)
Kumitat responsabbli	ITRE
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 19.1.2006
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	
'Rapporteur' għal opinjoni Data tal-ħatra	Guy Bono 23.1.2006
'Rapporteur' għal opinjoni mibdula	
Eżami fil-kumitat	27.4.2006
Data ta' l-adozzjoni	29.5.2006
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia I Cutchet, Christopher Beazley, Ivo Belet, Marie-Hélène Descamps, Milan Gaľa, Vasco Graça Moura, Lissy Gröner, Luis Herrero-Tejedor, Ruth Hieronymi, Manolis Mavrommatis, Marianne Mikko, Ljudmila Novak, Christa Prets, Karin Resetarits, Pál Schmitt, Nikolaos Sifunakis, Helga Trüpel, Thomas Wise, Tomáš Zatloukal
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Gyula Hegyi, Nina Škottová, Grażyna Staniszevska, Jaroslav Zvěřina, Catherine Trautmann
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-votazzjoni finali	
Kummenti (informazzjoni disponibbli f'lingwa waħda biss)	--